# KAPITLU 4

# IL-GNIEN TA' L-EDEN.

Il-gnien kien wiehed sabieh hafna. Kien hemm hafna x'tara u tammira. L-Angli kienu kwazi nsew ghaliex kienu marru hemm sakemm il-majjistru Barakjiel gibdilhom l-attenzjoni.

"Dan hu l-Gnien ta' l-Eden," qalilhom. " Ser taraw issa ghaliex intom tridu tkun il-kustodji ta' dawn il-bnedmin. L-ewwel u qabel kollox ejjew niltaqghu ma' zewg persuni specjali. Hawn arawhom resqin."

Barakjiel resaq lejn il-gemb u l-angli setghu jaraw zewg bnedmin mexjin qalb is-sigar fil-gnien.

"Il-bnedmin," ghajtet Sim, imma mill-ewwel ghattiet halqha u fesfset, " Oh, jistghu jisimghuni dawn?"

"Tinkwieta xejn, Sim," qalilha Barakjiel," La jistghu jisimghuna u anqas jarawna. Ma nistghu naghmlu xejn biex ninfluwenzaw il-grajjiet hekk kif jisviluppaw quddiem ghajnejna."

L-angli baqghu mistghagbin meta raw il-bnedmin. Qatt ma kienu raw bhalhom. "Allura dawn huma l-bnedmin?," staqsa Chaz.

“Il-bnedmin kollha huwa unici bhalma int huwa uniku. Jidhru differenti u jahsbu differenti. Kollha kemm huma. Issa nitghallmu izjed fuq dan. Imma l-ewwel ejjew nisimghu dak li qed jghidu.”

L-angli nnutaw li l-bnedmin kienu qed jitkellmu, imma mhux wiehed ma’ l-iehor. “Stenna ma humiex wahedhom,” qal wiehed mill-angli.

“Iva,” qal iehor, “ qed jitkellmu ma xi hadd.”

“Imma ma’ min,” staqsa Chaz.

L-angli qaghdu attenti u semghu vuci. “ Issa ftakru. Intom liberi li tieklu minn kull sigra tal-gnien, hlief mis-sigra ta’ l-Gherf tat-Tajjeb u tal-Hazen. Minn dik is-sigra, intom ma ghandkomx tieklu. Ghax jekk tieklu tmutu.”

“Din hija l-vuci ta’ Alla,” qalet Sim.



Kemm ferhu l-angli li semghu l-vuci ta’ Alla!

Hawn indahal Barakjiel u qal: “ Korretti. Dak li qed taraw huma Adam u Eva kif halaqhom Alla, biex ikunu f’ghaqda mieghu, ghaqda ta’ hbiberija bhalma ahna mahluqa biex inkunu f’Alla u Alla fina.”

Chaz kemmex mohhu. “ Imma jekk dawn il-bnedmin huma maghquda hawn ma’ Alla, xi htiega hemm taghna. Diga’ huma maqghuda mieghu.”

“Kienu maqghuda mieghu,” qalilhom Barakjiel. “ Issa ma ghadhomx izjed. Ejjew nimxu aktar ‘l quddiem fiz-zmien.” F’idu Barakjiel kellu *remote control*, bhalma l-bniedem juza ghat-TV biex jaqleb minn kanal ghal iehor. Ghafas buttuna u x-xena tal-gnien sfukat ruhha. Imbaghad ghafas ohra u x-xena waqfet.

“Ah hawn ahna gheziez angli. Osservaw bl-attenzjoni,” qalilhom il-majjistru.

L-angli lkoll harsu madwarhom u mbaghad lemhu lil Eva bilwieqfa quddiem sigra mimlija frott ahmar misjur. L-angli ilkoll taru ghal hdejha.

“Ma hiex wahedha,” qal Chaz filwaqt li b’subghajh wera’ dak li kien hemm wara s-sigra. “Araw.”

Serp hareg minn wara s-sigra. L-angli kollha hadu nifs ‘l gewwa meta rawh.

“Dak jaqaw….” bdiet biex tghid Sim.




"Le ma jistax ikun," wiegeb anglu iehor.

"Le mhux hu," qal Chaz.

"Iva, dak kollu kemm hu," wegibhom Barakjiel. "Huwa hu. Huwa l-Hazen u l-Qerq. Huwa Satana, ix-xitan, li kif tafu intom huwa l-mexxejj ta' l-angli l-hziena. Deher lil Eva bhala serp biex jittantha halli tmur kontra l-ligi ta' Alla."

Is-serp beda' jitkellem. "Tassew li Alla qalilkom li ma tistghux tieklu mis-sigar tal-gnien?"

U l-mara wegbitu: " Le. Ma qalilniex biex ma nieklux mis-sigar tal-gnien, imma mis-sigra biss li hemm f'nofs il-gnien. Jekk nieklu minnha mmutu."

"Le ma tmutux!" qalilhom is-serp," Alla jaf tajjeb li meta tieklu minn dak il-frott ghajnejkom jinfethu u ssiru bhal allat li jafu dak li hu tajjeb u dak li hu hazin."

L-angli raw lil Eva thares lejn il-frott tas-sigra. Kienet hosbiena fuq dak li qalilha s-serp. Fl-ahhar iddecidiet.  Gholliet idha biex tilhaq frott, u qatghatha miz-zokk.



Sim ghajtet. “ Le, le. Taghmilx hekk.” Alla qallek biex ma tiekolx minn dak il-frott tas-sigra. Ahna smajnieh kliem Alla u inti smajtu wkoll. Is-serp qed jigdeb.” Xi whud mill-angli  resqu aktar fil-qrib biex jassistu ahjar ghal dak li kien qed jigri. Sim ghalqet ghajnejha.

“Hawn wasal zewgha hdejha,” qal anglu iehor. L-angli kollha kienu xhieda li kemm Adam kif ukoll Eva kielu t-tnejn minn dak il-frott ipprojbit. Hadd mill-angli ma lissen xi kelma ghal dak li sehh quddiemhom.

Kien Chaz li kiser is-skiet u qal:” Huma ma obdewx lil Alla.”

U Barakjiel biex jurihom il-gravita’ tad-dizubbidjena ta’ ghemil Adam u Eva qalilhom: “ Iva tassew li dimbu u kull rabta ta’ hbiberija li kellhom ma’ Alla spiccat u taret mar-rih. Issa saru ghedewwa ta’ Alla. Ghax kull bniedem huwa jew ma’ Alla jew kontra tieghu. Ma hemmx triq tan-nofs.”

Barakjiel waqqaf ix-xena biex jaghti cans lil angli jahsbu. “U issa x’ser jigri?” staqsiet Sim

U l-arkanglu Barakjiel qalilhom: “ Gew imkeccija mill-gnien . U anke s-serp ha l-kastig tieghu ghax Iben Alla kellu jishaqlu rasu.”



"Allura issa x-xoghol taghna huwa li ngibuhom lura f'dan il-gnien? "  staqsa Chaz.

"Le," qalilhom Barakjiel " U anqas kieku tridu ma tistghu taghmlu hekk ghaliex anglu kerubin jghasses il-bieb tal-gnien. Ebda bniedem ma jista' jirritorna lura."

"Allura x'nistghu naghmlu biex nghin?" staqsa anglu iehor mill-grupp.

"Ejja nurikom," qalilhom Barakjiel. "Nergghu mmorru 'l quddiem fiz-zmien fejn intom ser tharsu lill-bnedmin."

Is-shab beda' jifforma madwarhom, qam rih qawwi u hadhom f'periodu ta' zmien iehor.